

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2008/0142(COD)**

10.3.2009

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali (COM(2008)0414 – C6-0257/2008 – 2008/0142(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Harald Ettl

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jilqa' b'soddisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar "id-drittijiet ta' pazjent għal kura tas-saħħa transkonfinali", peress li l-proposta għandha l-għan li żżid it-trasparenza u ċ-ċertezza legali għall-pazjenti. L-offerta dejjem tikber fl-istituzzjonijiet ta' trattament mediku u informazzjoni aħjar għaċ-ċittadini jindikaw li l-mobilità tal-pazjent se tiżdied. Il-vantaġġi fil-politika tas-saħħa li jistgħu jirriżultaw minn netwerk aħjar tal-istituzzjonijiet ta' trattament mediku fl-Ewropa għandhom jiġu intensifikati. Fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li l-proposta għal direttiva la twassal għal impożizzjoni unilaterali tal-ispejjeż fuq l-Istati Membri u lanqas tagħmel ħsara lill-kura tas-saħħa interna, u/jew lis-servizz tas-saħħa disponibbli fil-pajjiż, jekk ammont sproporzjonat ta' pazjenti jfittxu s-servizzi tas-saħħa.

Is-servizzi tas-saħħa tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, peress li dawn is-servizzi għandhom valur akbar u għandhom jiġu rikonoxxuti permezz ta' dispożizzjonijiet legali separati fil-livell Ewropew. Quddiem dan kollu, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni f'rapport ta' inizjattiva f'Mejju 2008 tippromponi qafas regolatorju ġdid għall-kura tas-saħħa transkonfinali. F'Lulju 2008, bħala parti mill-pakkett soċjali, il-Kummissjoni ppublikat il-proposta għal direttiva preżenti, li biha ġiet ikkodifikata b'mod partikolari l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali.

Ir-rapporteur jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-mobilità transkonfinali tal-pazjenti u biex tikkjarifika d-drittijiet tal-pazjenti permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja. Għall-pazjenti għall-inqas għandhom jiġu eżawriti s-sinerġiji kollha fil-qasam tal-mediċina. Dan jeħtieġ miżuri ta' prevenzjoni ekonomiċi, assigurattivi u organizzattivi, pereżempju fir-rigward tal-ammont ta' sodod fl-Istati Membri u l-kapaċità finanzjarja. Biex jiġu evitati problemi ta' kapaċità fil-provvista ta' servizzi lill-popolazzjoni ta' Stat Membru stess minħabba l-ammont ta' pazjenti ġejjin minn Stati Membri oħra, il-pazjenti għandu jkollhom aċċess għall-istituzzjonijiet Ewropej fir-rispett tal-kapaċitajiet relattivi ta' kull Stat Membru u r-riżorsi finanzjarji tiegħu.

Skont l-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 152 (1) tat-Trattat KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw standard għoli tal-protezzjoni tas-saħħa. Fil-preżent, is-servizzi tas-saħħa tal-Istati Membri jvarjaw sostanzjalment bejniethom. Din is-sitwazzjoni għandha tkompli tiġi żviluppata u l-istandard għoli ta' kwalità għandu jinżamm. Is-saħħa bħala oġġett prezzjuż ħafna għandha tiġi appoġġjata minn politika ta' trattat, garanzija ta' kwalità u regoli tal-ombudsman. Il-possibilità ta' kura tas-saħħa transkonfinali m'għandhiex tinkoraġġixxi Stati Membri individwali jieqfu jiżviluppaw l-istituzzjonijiet tas-saħħa tagħhom u jipromwovu l-kura barra l-pajjiż.

Ir-rapporteur jaqbel mal-approċċ fejn tingħata l-possibilità lill-Istati Membri, fis-sitwazzjoni fejn il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-saħħa u/jew il-kapaċità ta' Stat Membru li jipprovdi servizzi ta' spjar tiġi mminata/jiġu mminati serjament, li jintroduċu r-rekwiżit li tingħata awtorizzazzjoni minn qabel għar-rimbors tal-ispejjeż. F'dan il-kuntest huwa importanti li wieħed jinnota li l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jitolbu mingħand is-sistemi li minnhom jiġu l-pazjenti l-ispejjeż totali tas-servizz. F'xi uħud mill-Istati Membri l-kura fl-isptar tiġi ffinanzjata parzjalment mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u parzjalment

minn fondi fiskali. Jekk il-pazjenti minn barra jintalbu jħallsu biss ir-rata tas-sigurtà soċjali, dawk l-Istati Membri li l-kapaċità insuffiċjenti tagħhom possibilmment tinkoraġġixxi lill-pazjenti jfittxu kura fi Stat Membru ieħor, ikunu qed jieħdu benefiċċju mhux ġustifikat mill-persuni li jħallsu t-taxxi fil-pajjiż barrani fejn issir il-kura.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emendi 1

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Meta wieħed iqis li l-kundizzjonijiet għar-rikors għall-Artikolu 95 tat-Trattat bħala bażi legali ntlaħqu, il-leġiżlatura Komunitarja għandha toqgħod fuq din il-bażi legali anke meta l-ħarsien tas-saħħa pubblika hija fattur deċiżiv fl-għażliet li jsiru; f'dan ir-rigward l-Artikolu 95(3) tat-Trattat b'mod espliċitu jitlob li, ***fil-kisba ta' l-armonizzazzjoni***, għandu jiġi garantit livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana filwaqt li jitqies b'mod partikolari kull żvilupp ġdid imsejjes fuq fatti xjentifiċi.

##### *Emenda*

(2) Meta wieħed iqis li l-kundizzjonijiet għar-rikors għall-Artikolu 95 tat-Trattat bħala bażi legali ntlaħqu, il-leġiżlatura Komunitarja għandha toqgħod fuq din il-bażi legali anke meta l-ħarsien tas-saħħa pubblika hija fattur deċiżiv fl-għażliet li jsiru; f'dan ir-rigward l-Artikolu 95(3) tat-Trattat b'mod espliċitu jitlob li għandu jiġi garantit livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana filwaqt li jitqies b'mod partikolari kull żvilupp ġdid imsejjes fuq fatti xjentifiċi.

##### *Justification*

*L-għan ta' din id-direttiva huwa li jiġu ċċaati d-drittijiet tal-pazjenti u mhux l-armonizzazzjoni tal-organizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa. Dan huwa esklużivament fir-responsabilità tal-Istati Membri.*

### Emendi 2

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Is-sistemi tas-saħħa tal-Komunità huma parti ċentrali mill-livelli għolja ta' ħarsien

##### *Emenda*

(4) Is-sistemi tas-saħħa tal-Komunità huma parti ċentrali mill-livelli għolja ta' ħarsien

soċjali ta' l-Ewropa, u jikkontribwixxu għal koeżjoni soċjali u ġustizzja soċjali kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli. Huma jiffurmaw *wkoll* parti minn qafas aktar *ġenerali* ta' servizzi ta' interess ġenerali.

soċjali ta' l-Ewropa, u jikkontribwixxu għal koeżjoni soċjali u ġustizzja soċjali kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli. Huma jiffurmaw *ukoll* parti minn qafas aktar *wiesa'* ta' servizzi ta' interess ġenerali. ***Huma jgawdu stejtus speċjali fost is-servizzi ta' interess ġenerali minħabba l-objettivi tagħhom ta' prijorità li jiżguraw is-sikurezza tal-pazjenti u jħarsu s-saħħa pubblika.***

### *Justification*

*Għalkemm id-direttiva preżenti tipproponi sistema ta' regoli separati għas-servizzi tas-saħħa li huma esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi, is-suġġett tas-saħħa qed jiġi trattat bil-mod li għalih kien intenzjonat qabel fil-qafas tad-Direttiva dwar is-servizzi. Għandu jiġi ċċarat li s-servizzi tas-saħħa huma ta' valur oġġla fil-konfront tas-servizzi l-oħra.*

### **Emendi 3**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 15**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Ir-riċerka tissuġġerixxi li f'10 % tal-każi tirriżulta l-ħsara mill-kura tas-saħħa. Għalhekk huwa essenzjali li jkunu żgurati obbligazzjonijiet komuni ċari għal ċirkustanzi fejn toħroġ il-ħsara mill-kura tas-saħħa biex ikun evitat in-nuqqas ta' fiduċja f'dawk li mekkaniżmi li jaġixxu bħala ostaklu għall-għażla ta' kura tas-saħħa transkonfinali. Il-kopertura għall-ħsara u l-kumpens mis-sistemi tal-pajjiż tat-trattament għandha tkun bla ħsara għall-possibbiltà għall-Istati Membri li jestendu l-kopertura tas-sistemi domestiċi tagħhom għal pazjenti mill-pajjiż tagħhom li jkunu qed ifittxu l-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż, fejn dan ikun aktar xieraq għall-pazjent, b'mod partikolari fil-każ ta' pazjenti li għalihom l-użu tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor huwa meħtieġ.

##### *Emenda*

(15) Ir-riċerka tissuġġerixxi li f'*madwar* 10 % tal-każi tirriżulta l-ħsara ***fiżika*** mill-kura tas-saħħa. Għalhekk huwa essenzjali li jkunu żgurati obbligazzjonijiet komuni ċari għal ċirkustanzi fejn toħroġ il-ħsara mill-kura tas-saħħa biex ikun evitat in-nuqqas ta' fiduċja f'dawk li mekkaniżmi li jaġixxu bħala ostaklu għall-għażla ta' kura tas-saħħa transkonfinali. Il-kopertura għall-ħsara u l-kumpens mis-sistemi tal-pajjiż tat-trattament għandha tkun bla ħsara għall-possibbiltà għall-Istati Membri li jestendu l-kopertura tas-sistemi domestiċi tagħhom għal pazjenti mill-pajjiż tagħhom li jkunu qed ifittxu l-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż, fejn dan ikun aktar xieraq għall-pazjent, b'mod partikolari fil-każ ta' pazjenti li għalihom l-użu tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor huwa meħtieġ.

## Emendi 4

### Proposta għal direttiva Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Il-pazjent m'għandu qatt jieħu vantaġġ finanzjarju mill-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor u l-ġarr ta' l-ispejjeż għandu għalhekk jiġi limitat biss għall-ispejjeż attwali tal-kura tas-saħħa riċevuta.

#### *Emenda*

(24) Il-pazjent m'għandu qatt jieħu vantaġġ finanzjarju mill-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor u l-ġarr ta' l-ispejjeż għandu għalhekk jiġi limitat biss għall-ispejjeż attwali tal-kura tas-saħħa riċevuta. ***L-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jħallas lura wkoll spejjeż oħra relatati, bħal m'huma l-ispejjeż ta' trattament terapewtiku.***

#### *Justification*

*Għalkemm id-direttiva preżenti tipproponi sistema ta' regoli separati għas-servizzi tas-saħħa li huma esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi, is-suġġett tas-saħħa qed jiġi trattat bil-mod li għalih kien intenzjonat qabel fil-qafas tad-Direttiva dwar is-servizzi. Għandu jiġi ċċarat li s-servizzi tas-saħħa huma ta' valur oġġla fil-konfront tas-servizzi l-oħra.*

## Emendi 5

### Proposta għal direttiva Artikolu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-provvediment ta' kura tas-saħħa irrispettivament minn kif tiġi organizzata, mogħtija jew iffinanzjata jew jekk hix pubblika jew privata.

#### *Emenda*

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-provvediment ***transkonfinali*** ta' kura tas-saħħa irrispettivament minn kif tiġi organizzata, mogħtija jew iffinanzjata jew jekk hix pubblika jew privata. ***Din id-Direttiva għandha tapplika għal skemi tal-assikurazzjoni tal-mard statutorji, privati u kombinati.***

#### *Justification*

*Għandha tiddaħħal il-kelma "transkonfinali", peress li nkella jkun hemm nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 152 tat-Trattat KE (Attività kumplementari tal-Komunità)*

## Emendi 6

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) Regolamenti dwar il-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari ***l-Artikolu 22*** tar-Regolament (KE) Nru 1408/71 tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jispustaw ruħhom fil-Komunità u ***r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004*** dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

**Emendi 7**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emendi 8**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(f) Regolamenti dwar il-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari ***l-Artikoli 19, 20, 22 u 25*** tar-Regolament (KE) Nru 1408/71 tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jispustaw ruħhom fil-Komunità u ***l-Artikoli 17, 18, 19, 20, 27 u 28 tar-***Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

*Emenda*

***(ga) Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropa u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja<sup>1</sup>;***

<sup>1</sup> *ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.*

*Emenda*

***(gb) L-ewwel Direttiva 73/239/KEE tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u l-eżerċitar tan-negożju tal-assigurazzjoni diretta barra minn assicurazzjoni fuq il-ħajja<sup>1</sup> ;***

<sup>1</sup> *ĠU L 228 16.8.1973, p. 3.*

## Emendi 9

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(gc) Direttiva 92/49/KEE tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-assigurazzjoni diretta barra minn assicurazzjoni fuq il-ħajja (it-tielet Direttiva dwar assicurazzjoni mhux fuq il-ħajja)<sup>1</sup>.**

<sup>1</sup> ĠU L 228, 11.08.1992, p. 1.

## Emendi 10

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Meta jintlaħqu ċ-ċirkustanzi li taħthom trid tingħata awtorizzazzjoni li pazjent imur fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievi t-trattament xieraq skond l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1408/71, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw. **Kuntrarju għal dan, meta persuna assicurata tfittex kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor f'ċirkustanzi oħrajn, japplikaw l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1408/71 m'għandux japplika.** Madankollu, fejn il-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' awtorizzazzjoni stipulati fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1408/71 huma *sodisfatti*, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata u l-benefiċċji mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament. F'dan il-każ, l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-*

**Sad-data li fiha jidħol fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, meta jkunu ssodisfatti ċ-ċirkustanzi li taħthom trid tingħata awtorizzazzjoni li pazjent imur fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievi t-trattament xieraq skond l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1408/71, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw.** Madankollu, fejn il-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' awtorizzazzjoni stipulati fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1408/71 huma *ssodisfatti*, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata u l-benefiċċji mogħtija f'konformità ma' dan ir-Regolament. F'dan il-każ, l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva ma japplikawx.



Direttiva ma japplikawx.

*Justification*

*Is-sentenza li għandha tiġi mħassra tistabbilixxi 'opt-in' mir-Regolament Nru 1408/71/KE għal din id-direttiva: il-konsegwenzi u l-kapaċità amministrattiva mhumiex ċari, u għandha tiġi miċħuda l-possibilità li r-Regolament Nru 1408 jiġi mminat.*

**Emendi 11**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 - paragrafu 2 - subparagrafu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, meta jkunu ssodisfati ċ-ċirkustanzi li taħthom trid tingħata awtorizzazzjoni li pazjent imur fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievi t-ttrattament xieraq skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw. Kuntrarju għal dan, meta persuna assicurata tfittex kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor f'ċirkustanzi oħrajn, japplikaw l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 m'għandux japplika. Madankollu, fejn il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni stipulati fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 huma ssodisfati, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata dejjem u l-benefiċċji pprovduti f'konformità ma' dak ir-Regolament. F'dan il-każ, l-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' din id-Direttiva ma japplikawx.*

**Emendi 12**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 4 – punt g – punt ii a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ii) persuna assigurata kif definit fil-kundizzjonijiet tal-poloż tal-iskemi privati relevanti tal-assigurazzjoni tal-mard;**

**Emendi 13**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. F'konformità mal-Artikolu 152 tat-Trattat, l-Istat Membru ta' trattament huwa totalment responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa u għall-kura medika pprovduta.**

*Justification*

*In-'naħa ta' min qed jirċievi' m'hijiex indirizzata; għalhekk hawnhekk issir referenza għat-Trattat KE.*

**Emendi 14**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1b. Skont l-Artikolu 12(2)(da), l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' trattament għandhom ikunu responsabbli għas-sorveljanza kostanti fuq il-bażi tad-dejta akkwistata hemmhekk. L-awtoritajiet għandhom, jekk ikun xieraq, fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik is-sorveljanza, jieħdu miżuri immedjati biex jiżguraw is-saħħa pubblika u jippreservaw il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali.**

## Justification

*La d-data tinġabar xorta waħda, għandu jkun possibbli li din tiġi użata immedjatament sabiex tgħin lill-Istati Membri jippjanaw il-politika nazzjonali tagħhom tas-saħħa – biex "jaġixxu minflok jirreaġixxu.*

### Emendi 15

#### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Minħabba l-importanza mill-akbar, partikolarment għall-pazjenti, li jiġu ssalvagwardjati l-kwalità u s-sikurezza tal-kura transkonfinali, l-organizzazzjonijiet involuti fit-tfassil tan-normi u tal-linji gwida kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 3 għandhom tal-anqas jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u, b'mod partikolari, dawk li fl-ambitu tal-responsabilità tagħhom jaqa' l-aspett transkonfinali.***

### Emenda 16

#### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 9, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura li l-persuni assigurati li jivjaġġaw lejn Stat Membru ieħor bil-għan li jirċievu kura tas-saħħa hemm jew li qed ifittxu li jirċievu kura tas-saħħa pprovduta fi Stat Membru ieħor, ma jitwaqqfux milli jirċievu kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor ***fejn it-trattament ikkonċernat huwa fost il-benefiċċji pprovduti mil-leġiżlazzjoni*** ta' l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ***li hija intitolata għalihom il-persuna assigurata. L-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jħallas***

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 9, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura li l-persuni assigurati li jivjaġġaw lejn Stat Membru ieħor bil-għan li jirċievu kura tas-saħħa hemm jew li qed ifittxu li jirċievu kura tas-saħħa pprovduta fi Stat Membru ieħor, ma jitwaqqfux milli jirċievu kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor. ***L-istituzzjoni kompetenti*** ta' l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ***għandha tħallas*** lura l-ispejjeż ***effettivi tat-trattament*** lill-persuna assigurata. ***Jekk hemm diversi metodi disponibbli biex tkun ittrattata ċerta marda jew ċerta leżjoni, il-***

*lura l-ispejjeż lill-persuna assicurata, li kienu jitħallsu mis-sistema ta' sigurtà soċjali statutorja tiegħu li kieku l-istess kura tas-saħħa, jew waħda simili, kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu. Fi kwalunkwe każ, huwa l-Istat Membru ta' affiljazzjoni li jistabbilixxi l-kura tas-saħħa li qed tiġi mħallsa, irrilevanti minn fejn qed tiġi pprovduta.*

*pazjent għandu jkollu d-dritt li jieħu l-flus lura għall-metodi kollha ta' trattament li jkun ppruvati u ttestjati b'mod suffiċjenti mix-xjenza medika internazzjonali, jekk dawn mhumiex disponibbli fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni. Fi kwalunkwe każ, huwa l-Istat Membru ta' affiljazzjoni li jistabbilixxi l-kura tas-saħħa li qed tiġi mħallsa, irrilevanti minn fejn qed tiġi pprovduta.*

#### *Justification*

*Sabiex jiġi ċċarat li mhuwiex l-Istat Membru iżda hija/huma l-istituzzjoni/jiet ta' sigurtà soċjali kkonċernata/ikkonċernati li għandha tħallas/għandhom iħallsu lura l-ispejjeż. Sabiex jiġi ċċarat li għandhom jitħallsu lura mhux biss l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti mis-sistema tas-sigurtà soċjali statutorja iżda wkoll dawk li għandhom jiġu koperti mis-sistemi tas-saħħa ffinanzjati mill-Istat.*

#### **Emenda 17**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ispejjeż tal-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor għandhom jitħallsu mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sal-livell ta' l-ispejjeż li kienu jinġarru kieku l-istess kura tas-saħħa, jew waħda simili, ingħatat fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni, mingħajr ma jinqabżu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa riċevuta.

###### *Emenda*

2. L-ispejjeż tal-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor għandhom jitħallsu lura mill-**istituzzjoni kompetenti** tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sal-livell ta' l-ispejjeż li kienu jinġarru kieku l-istess kura tas-saħħa, jew waħda simili, ingħatat fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni, mingħajr ma jinqabżu l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa riċevuta.

#### *Justification*

*Sabiex jiġi ċċarat li mhuwiex l-Istat Membru iżda hija/huma l-istituzzjoni/jiet ta' sigurtà soċjali kkonċernata/ikkonċernati li għandha tħallas/għandhom iħallsu lura l-ispejjeż.*

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istat Membri għandu jkollhom mekkaniżmu għall-kalkolu ta' l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-persuna assigurata mis-sistema ta' **sigurtà soċjali statutorja** għall-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor. Dan il-mekkaniżmu għandu jissejjes fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji magħrufa minn qabel u l-ispejjeż imħallsa lura skond dan il-mekkaniżmu m'għandhomx ikunu anqas minn dawk li kienu jinġarru li kieku l-istess kura tas-saħħa jew waħda simili kellha tingħata fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

#### *Emenda*

4. L-Istat Membri għandu jkollhom mekkaniżmu għall-kalkolu ta' l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-persuna assigurata mis-sistema **tas-saħħa** statutorja **kkonċernata** għall-kura tas-saħħa mogħtija fi Stat Membru ieħor. Dan il-mekkaniżmu għandu jissejjes fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji magħrufa minn qabel u l-ispejjeż imħallsa lura skond dan il-mekkaniżmu m'għandhomx ikunu anqas minn dawk li kienu jinġarru li kieku l-istess kura tas-saħħa jew waħda simili kellha tingħata fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

#### *Justification*

*Sabiex jiġi ċċarat li mhux biss l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti mis-sistema tas-sigurtà soċjali statutorja iżda wkoll dawk li għandhom jiġu koperti mis-sistemi tas-saħħa jew sistemi mħallta ffinanzjati mill-Istat għandhom jitħallsu lura.*

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Din il-lista għandha tiġi stabbilita u tista' tiġi aġġornata regolarment mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 19(3).

#### *Emenda*

2. Din il-lista għandha tiġi stabbilita u tista' tiġi aġġornata regolarment mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 19(3). ***Fit-tfassil ta' din il-lista, il-Kummissjoni għandha tqis il-pożizzjoni speċjali tan-netwerks ta' referenza Ewropej kif imsemmi fl-Artikolu 15.***

## Emenda 20

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għandha tiġi limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonali sabiex jiġi evitat impatt tali, u m'għandhiex tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja.

*Emenda*

4. Is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel ***għandha tapplika bla ħsara għall-Artikolu 3(2) u*** trid tiġi limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonali biex jiġi evitat impatt tali u m'għandhiex tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja.

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 8a***

***Tiċħid ta' kura fi sptar u ta' kura speċjalizzata***

***8a. Stat Membru ta' trattament jista' jippermetti li provveditur individwali tal-kura tas-saħħa jċaħħad minn kura fi sptar jew kura speċjali lil pazjenti fi Stat Membru ieħor li jfittxu trattament f'dak l-Istat Membru jekk din il-ħaġa tkun ta' detriment għal pazjenti oħra bi ħtiġijiet tas-saħħa simili, pereżempju minħabba żieda fiż-żmien ta' stennija għat-trattament.***

*Justification*

*Inklużjoni tal-aħħar klawsola tal-Premessa 12. Din il-klawsola essenzjali meħuda mill-premessi ma tinsabx fit-test tad-direttiva: fl-interess taċ-ċertezza legali u ta' kjażrezza akbar, ikun aħjar li din il-klawsola tkun inkluża hawnhekk. L-għan li tingħata kura tas-saħħa lill-pazjenti kemm jista' jkun viċin il-post fejn joqogħdu jew fejn jaħdmu m'għandux isir impossibbli minħabba aċċess bla limitu għal pazjenti minn Stati Membri oħra.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura li l-proċeduri amministrattivi dwar l-użu tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor li għandu x'jaqsam ma' kull awtorizzazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 8(3), hłas lura ta' spejjeż ta' kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor u kundizzjonijiet u formalitajiet oħrajn imsemmija fl-Artikolu 6(3), huma msejsa fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji li huma ppubblikat minn qabel, u li huma meħtieġa u proporzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet. *Fi kwalunkwe każ*, persuna assigurata għandha tingħata *dejjem* l-awtorizzazzjoni skond ir-*Regolamenti* dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali msemmija fl-*Artikolu 3.1 f) dejjem meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 22.1 c) u l-Artikolu 22.2* tar-Regolament 1408/71.

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-Istati Membri ta' affiljazzjoni għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi fis-seħħ għall-provvediment lill-pazjenti fuq talba b'taġhrif dwar il-kisba tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor, u t-termini u l-kundizzjoni li japplikaw, inter alia kull

*Emenda*

1. L-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura li l-proċeduri amministrattivi dwar l-użu tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor li għandu x'jaqsam ma' kull awtorizzazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 8(3), hłas lura ta' spejjeż ta' kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor u kundizzjonijiet u formalitajiet oħrajn imsemmija fl-Artikolu 6(3), huma msejsa fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji li huma ppubblikat minn qabel, u li huma meħtieġa u proporzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet. *Sad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 883/2004*, persuna assigurata għandha tingħata l-awtorizzazzjoni skond ir-*regolamenti* dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali msemmija fl-*Artikolu 3(1)(f) ta' din id-Direttiva, skont l-Artikolu 22(1)(c) u l-Artikolu 22(2)* tar-Regolament 1408/71. *Mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 'il quddiem, persuna assigurata għandha tingħata l-awtorizzazzjoni fuq il-bażi tar-regolamenti dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali kif hemm imsemmi fl-Artikolu 3(1)(f) skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.*

*Emenda*

10. L-Istati Membri ta' affiljazzjoni għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi fis-seħħ għall-provvediment lill-pazjenti fuq talba b'taġhrif dwar il-kisba tal-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor, u t-termini u l-kundizzjoni li japplikaw, inter alia kull

meta tiġi kkawżata ħsara b'riżultat ta' kura tas-saħħa riċevuta fi Stat Membru ieħor.

meta tiġi kkawżata ħsara b'riżultat ta' kura tas-saħħa riċevuta fi Stat Membru ieħor.

*Fir-rigward ta' tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kura transkonfinali, għandha ssir distinzjoni ċara bejn id-drittijiet li l-pazjenti jkollhom skont din id-Direttiva u d-drittijiet li jirriżultaw minn regolamenti dwar il-koordinament tal-iskemi tas-sigurtà soċjali kif hemm imsemmi fl-Artikolu 3(1)(f).*

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istat Membri għandhom jagħżlu punti ta' kuntatt nazzjonali għall-kura tas-saħħa transkonfinali u jikkomunikaw l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni.

*Emenda*

1. L-Istat Membri għandhom jagħżlu punti ta' kuntatt nazzjonali għall-kura tas-saħħa transkonfinali u jikkomunikaw l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, il-fondi tal-assikurazzjoni fuq is-saħħa u l-provvedituri tal-kura jkunu involuti fix-xogħol ta' dawk il-punti ta' kuntatt nazzjonali.***

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva Artikolu 12 - paragrafu 2 - punt d a 9 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) jirreġistra l-attivitajiet kollha fl-Istat Membru ta' trattament skont l-Artikoli 6, 7, 8, 9 u 15 u jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' trattament dwar din il-ħaġa, filwaqt li l-provvedituri tal-kura tas-saħħa jipprovdu t-tagħrif meħtieġ malli jirċevuh.***

*Justification*

*Sabiex jiġi żgurat li l-proċedura timxi mingħajr diffikultajiet.*



## Emenda 26

### Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istat Membri għandhom joffru għajjnuna reċiproka kif meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom joffru għajjnuna reċiproka kif meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva **u għandhom jikkonkludu ftehimiet f'dan ir-rigward.**

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fil-provvediment tal-kura tas-saħħa transkonfinali fil-livell reġjonali u lokali kif ukoll permezz tat-teknoloġiji tat-tagħrif u tal-komunikazzjoni, l-kura tas-saħħa transkonfinali pprovduta fuq bażi temporanja jew ad hoc **u forom oħra ta' kooperazzjoni transkonfinali.**

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fil-provvediment tal-kura tas-saħħa transkonfinali fil-livell **nazzjonali**, reġjonali u lokali kif ukoll permezz tat-teknoloġiji tat-tagħrif u tal-komunikazzjoni **u** l-kura tas-saħħa transkonfinali pprovduta fuq bażi temporanja jew ad hoc, **u għandhom jikkonkludu ftehimiet f'dan ir-rigward.**

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Artikolu 15 a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

#### *Artikolu 15 a*

#### *Reġjuni ta' mal-fruntiera*

**Sabiex, fil-ġejjieni, tiġi stabbilita politika tal-kura tas-saħħa li tkun waħda effettiva kemm jista' jkun, il-Kummissjoni għandha tagħżel reġjuni ta' mal-fruntieri bħala żoni ta' prova fejn inizjattivi innovattivi li għandhom x'jaqsmu mal-kura transkonfinali jistgħu jiġu ttestjati, analizzati u evalwati bir-reqqa.**

## **Emenda 29**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 2 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli biex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa bil-għan li tirreġistra l-flussi transkonfinali tal-pazjenti u tal-professjonisti sabiex tkun tista' ttrimedja fil-pront kull effett negattiv li jista' jiżviluppa u biex tkompli thegħġegħ effetti pożittivi. Il-Kummissjoni għandha tinkludi dik l-informazzjoni fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.***

## PROĊEDURI

<b>Titolu</b>	Id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali	
<b>Referenzi</b>	COM(2008)0414 – C6-0257/2008 – 2008/0142(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b>	ENVI	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 2.9.2008	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Harald Ettl 22.10.2008	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	11.12.2008	20.1.2009
<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.3.2009	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 0 0: 7	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Jonathan Evans, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Donata Gottardi, Benoît Hamon, Gunnar Hökmark, Sophia in 't Veld, Othmar Karas, Wolf Klinz, Kurt Joachim Lauk, Hans-Peter Martin, Gay Mitchell, Sirpa Pietikäinen, John Purvis, Bernhard Rapkay, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Skinner, Margarita Starkevičiūtė, Ivo Strejček, Ieke van den Burg, Cornelis Visser	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Harald Ettl, Margaritis Schinas, Eva-Riitta Siitonen	